# QORTI TA' L-APPELL

## (SEDE INFERJURI)

**IMHALLEF**

**ONOR JOSEPH A. FILLETTI, B.A., LL.D., A.R.Hist.S.**

**Seduta ta’ nhar il-Gimgha 26 ta’ Ottubru, 2001**

**Numru**

**Avviz Nru. 5/96 DM**

**Is-Socjeta’ Moby Rentals Limited**

**vs**

**Publius Farrugia**

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

**L-Avviz tas-socjeta’ attrici**

1. B’avvizipprezentat fil-5 ta’ Jannar, 1996, is-socjeta’ attrici talbet illi l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-istess socjeta’ esponenti dik is-somma illi tigi likwidata, prevja okkorrendo bl-opera ta’ periti u esperti nominandi, rapprezentanti d-danni kkawzati lill-vettura tal-marka Maruti,

numru tar-registrazzjoni X-5529, proprjeta' tas-socjeta' esponenti, u dana fil-perjodu illi dina l-vettura kienet mikrija lill-konvenut u kienet fil-pussess tieghu, liema danni kienu gew ikkawzati b'tort, traskuragni, imperizja u negligenza tal-konvenut stess; bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sal-pagament effettiv.

**L-eccezzjonijiet tal-konvenut**

2. Il-konvenut preliminarjament eccepixxa illi jigi kjamat fil-kawza Joseph Stivala li minn ghandu l-konvenut ha l-karrozza, liema talba madanakollu qatt ma ngiebet a konjizzjoni ta' l-Ewwel Qorti formalment b'mod illi, eventwalment, Joseph Stivala qatt ma gie kjamat fil-kawza. Il-konvenut, sussegwentement, eccepixxa illi huwa ma ghamel l-ebda hsarat lill-karozza u li t-talbiet attrici kienu nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt;

Illi, b'digriet taghha, l-Ewwel Onorabbli Qorti nnominat lill-espert tekniku Alfred Camenzuli, illi pprezenta r-relazzjoni tieghu fl-10 ta' Gunju, 1998, fejn ikkonkluda li l-hsarat sofferti mis-socjeta' attrici ma kellhomx jeccedu l-Lm150;

Illi, b'sentenza moghtija fit-2 ta' Gunju, 2000, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) cahdet it-talba attrici, bl-ispejjez kontra taghha.

**L-Appell tas-socjeta' attrici**

4. Is-socjeta' attrici hassitha aggravata mis-sentenza ta' l-Ewwel Qorti u ghalhekk qeghdha tinterponi l-appell odjern, ghar-ragunijiet segwenti:

**II. Ir-Relazzjoni ta' l-Espert Tekniku**

L-espert tekniku Alfred Camenzuli ghamel access gewwa garage fejn il-karozza kienet qeghdha tigi mizmuma, u seta' jaccerta ruhu dwar il-hsarat li kienu saru fuq il-karozza li kienet giet mikrija lill-konvenut. Dawna l-hsarat kienu ta' zewg tipi: tbajja u daqqiet zghar.

L-espert tekniku, fir-relazzjoni tieghu, stqarr illi, minkejja li kien difficli li wiehed jikkonkludi b'certezza kif gew ikkawzati t-tbajja fuq il-karozza, l-probabilita' kienet illi dawk it-tbajja kienu gew ikkawzati minn “xi tip ta' acidu hafif jew inkella ta' xi oggett li gie mwahhal mal-karozza u gie maqlugh meta kien niexef". Tali konkluzzjoni tinkwadra ruhha kemm il-fatti li wasslu ghall-kirja tal-karozza u l-provi mressqa, kif ukoll fit-talbiet li ghamlet is-socjeta' attrici quddiem l-Ewwel Qorti.

Illi, l-espert tekniku rrileva wkoll illi l-karozza kellha daqqa fuq il-bieba ta' wara tan-naha tal-lemin, liema daqqa, madanakollu, gie dikjarat anke mis-socjeta' attrici fil-prezenza ta' l-espert tekniku, ma kellha l-ebda konnessjoni mal-kawza odjerna, stante illi kienet hemm qabel. Di fatti, ir-rapport ta' l-espert tekniku ma jitkellem xejn dwar dina l-daqqa u l-konkluzzjonijiet tieghu bl-ebda mod ma jinkludu d-daqqa fuq in-naha ta' wara li, del resto, qatt ma giet deskritta u/jew definita minn ebda mill-partijiet.

**III. Il-provi**

Is-socjeta' attrici, permezz tar-rapprezentant taghha, ipproduciet kopja tal-kuntratt ta' kiri Nru. 000938 illi biha l-konvenut Farugia kera l-karozza ghall-perijodu bejn il-15 ta' Lulju, 1995 u s-16 ta' Lulju, 1995. Ipprezentat ukoll survey illi kien jindika li l-vettura Maruti X-5529 kellha diversi daqqiet u kienet “affected” by an acidic agent”, kif, del resto, ikkonstata ukoll l-espert tekniku nominat mill-Qorti.

Fix-xhieda tar-rapprezentant tas-socjeta' attrici, Felix Mifsud, intqal illi huwa qatt ma kien iltaqa' ma' Publius Farrugia, izda li meta huwa kien kellmu permezz tat-telefon, dana kien stqarr li "la kriha, setgha jaghmel li jrid, u hu (is-socjeta' attrici) kien inxurjat u kellha thallas il-kumpannija assikuratrici". Tali xhieda qatt ma giet michuda mill-konvenut.

Il-konvenut, fix-xhieda tieghu, qatt ma kkontesta illi huwa ma kienx kera il-karozza meritu ta' dina l-kawza, u di fatti, l-Ewwel Qorti stess irrilevat li ma kienx hemm kontestazzjoni fuq dana il-fatt. Sussegwentement, il-konvenut ipproceda biex jichad illi qatt saret xi hsara lill-karozza waqt illi kienet fil-pussess tieghu u, sabiex jikkonferma dana il-fatt, ipproduca diversi hbieb tieghu, bhala xhieda okulari, stante illi kienu mistednin ghat-tieg tieghu, li ttentaw jikkonfermaw dana il-fatt.

Tali xhieda, madanakollu, ilkoll qablu fuq fatt wiehed – illi l-karozza kienet giet sottoposta ghal zlieg ta' diversi kremi, kemm fuq il-hgiega tal-karozza, kif ukoll fuq iz-zebgha ta' l-istess karozza, u dana kif, wara kollox, l-Ewwel Qorti setghet tikkonstata wkoll. Apparti dan, gew esebiti ukoll diversi ritratti li juru li l-karozza meritu ta' dina l-kawza u li kienet fil-pussess tal-konvenut, kienet attwalment iddelket minn xi mistednin tat-tieg tal-konvenut.

## IV. Konkluzzjonijiet ta' l-ewwel Qorti

L-Ewwel Qorti ikkunsidrat it-talbiet imressqa mis-socjeta' attrici, taht zewg kapijiet – dawk li kienu jirrigwardaw daqqiet fuq il-vetturi, u dawk li kienu jirrigwardaw tbajja fuq l-istess vettura.

Dwar id-daqqiet li saru fuq il-vettura filwaqt illi dina kienet fil-pussess tal-konvenut, l-Ewwel Qorti kkonkludiet illi peress li r-rappresentant tas-socjeta' attrici kien stqarr fix-xhieda li l-karozza ma kellha l-ebda daqqa meta hadha l-konvenut u, waqt l-access fuq il-vettura kien gie stipulat li kellha daqqa fuq wara li kienet tezisti qabel l-imsemmija kirja, ghalhekk is-socjeta' attrici ma kienx irnexxielha tipprova li d-daqqiet fuq il-vettura, li kienu ta' natura diversa minn dik ta' wara, kienu saru waqt li kienet fil-pussess tal-konvenut.

Dwar id-daqqiet li saru fuq il-vettura l-Ewwel Qorti kkonkludiet li, minkejja li kien minnu li sar xi tizlig fuq il-vettura waqt illi dina kienet fil-pussess tal-konvenut, is-socjeta' attrici ma kienetx ippruvat li t-tbajja accertati mill-espert tekniku kienu rizultat ta' negligenza tal-konvenut, anke in vista tal-fatt li l-vettura ma

kienetx illustrata u, di piu' ma kienetx ippruvat illi l-kremi kienu jikkwalifikaw bhala l-acidu hafif illi kien irrefera ghalih l-espert tekniku meta kien qieghed jispjega kif saru t-tbajja.

## V. Konstatazzjonijiet Legali

Huwa fatt mhux kontestat illi fil-kawza in ezami, il-karozza meritu tal-kawza kienet giet mikrija mill-konvenut minghand is-socjeta' attrici. Ghalhekk, ghandhom japplikaw il-principji legali li jirregolaw il-kera ta' oggetti, kif elenkati fil-Kodici Civili, fl-artikoli 1525 sa 1622.

Ai termini ta' l-Artikolu 1554 tal-Kap 16, il-kerrej ghandu "jinqeda bil-haga mikrija bhala missier tajjeb tal-familja, u ghall-uzu miftiehem fil-kuntratt, jew, jekk ma jkunx hemm ftehim fuq prezunt mic-cirkostanzi". Il-kliem tal-legislatur huwa car u, certament, ma jinhtiegx xi tip ta' spjegazzjoni u/jew kliem ohra.

Il-Legislatur, madanakollu, ghazel illi jidhol f'aktar dettall dwar id-doveri tal-kerrej u, f'artikolu 1561, gie stipulat illi l-kerrej ghandu jwiegeb ghat-tgharriq u ghall-hsarat li jigru matul it-tgawdija tieghu, meta ma jippruvax li dan it-tgharriq jew hsarat graw minghajr htija tieghu.

Li kieku l-Legislatur ghazel illi jieqaf hawnhekk, id-decizjoni finali ta' l-Ewwel Qorti kienet tkun wahda korretta, stante illi l-provi juru li ma kienx il-konvenut, per se, illi ghamel il-hsarat fuq il-karozza, izda kienu l-mistednin tieghu.

Madanakollu, il-Ligi tkompli tghid, f'artikolu 1563, illi l-kerej ghandu jwiegeb ghat-tgharriq jew hsarat li jsiru b'ghemil b'nuqqas min-nies tal-familja tieghu, jew mis-sefturi tieghu, jew minn mistednin, jew sub-kerrejja tieghu.

Issa huwa fatt, li gie ikkonfermat kemm mill-konvenut kif ukoll mix-xhieda tieghu, illi kienu l-mistednin tieghu stess, li attwalment kienu ghamlu xi tgharriq fuq il-vettura meta dina giet mdellka b'diversi kremi. Dana il-fatt johrog anke mir-ritratti esebiti mill-istess konvenut.

Ghalhekk l-Ewwel Qorti ma kienetx korretta meta qalet li ma kienx gie ppruvat li "t-tbajja kienu rizultat ta' xi negligenza da parti tal-konvenut" u dana stante illi, ai termini ta' l-artikolu 1563, il-kerrej huwa responsabbli kemm ghall-azzjonijiet tieghu kif ukoll ghall-azzjonijiet ta' mistednin tieghu.

Ghal dak li jirrigwarda l-kirja ta' karozza per se, huwa fatt li l-karozza kienet giet mikrija lill-konvenut sabiex dana juzaha bhala karozza f'cirkostanzi normali u mhux sabiex juzaha ghall-'going away'. Dana il-fatt huwa kkontermat kemm mir-rapprezentant tas-socjeta' attrici, illi kien qal li qatt ma kien jaf li kienet giet mikrija ghat-tieg, kif ukoll mill-fatti kif murija mill-konvenut.

Ghalhekk, f'dana il-kaz, japplika wkoll il-principju dettat fl-artikolu 1555, subartikolu 3 tal-Kap 16 li jistipula li "jekk il-kerrej jaghmel mill-haga mikrija uzu xort'ohra minn dak li ghalih hi qeghda, jew b'mod li bih jista' jgib hsara lil sid il-kera ………il-kerrej huwa obbligat ukoll ghall-hlas tad-danni".

Issa huwa fatt inkonfutabbli li l-karozza nkriet lill-konvenut sabiex ikun jista' jaghmel uzu minnha bhala karozza u MHUX biex ihalliha tigi mgharrqa u mzellga minn terzi persuni, aktar u aktar, meta huwa stess kien jaf li dana kien sejjer isehh.

Fl-ahhar nett, l-Ewwel Qorti kkonstatat illi, filwaqt li r-rapprezentant kien stqarr li l-karozza ma kellha l-ebda tip ta' hsarat, meta kien mar l-espert tekniku, l-istess rapprezentant kien stqarr li kien hemm daqqa fuq wara li ma kellha xejn x'taqsam mal-kawza in kwistjoni, stante illi kienet hemm qabel.

Il-Ligi tikkontempla l-possibilita' li haga mikrija li jkollha hsarat meta tinkera, u di fatti, il-ligi titkellem dwar deskrizzjoni dwar l-istat ta' haga. Madanakollu, l-istess Ligi tikkontempla specifikatament f'artikolu 1560 illi meta ma tkun saret ebda deskrizzjoni ta' l-istat tal-haga b'kiri, jinghadd, fin-nuqqas ta' prova kuntrarja, li l-kerrej ircieva l-haga fi stat tajjeb. Fil-kaz in kwistjoni, ma saret ebda tip ta' deskrizzjoni ta' xi hsarat li seta kien hemm fil-karozza u, anke li kieku kien hemm xi tip ta' hsarat fil-karozza, kif stqarret l-istess socjeta' attrici, kien fl-interess tal-konvenut li huwa jaccerta ruhu ta' l-istat tal-karozza qabel ma jehodha. Is-socjeta' mikrija, madanakollu, dana ma jezonerax lill-konvenut mill-oneru tieghu illi jipprova li l-hsarat l-ohra ma kienux ikkawzati minnu – u x-xhieda ta' Joseph Sammut certament ma tistax titqies bhala wahda veritjera.

## VI. Konkluzzjonijiet

Is-socjeta' attrici thoss illi hija ghamlet dak kollu illi kien lilha possibbli sabiex turi li l-vettura saritilha hsarat li kienu gew lilha kkawzati waqt li kienet fil-pussess tal-konvenut. Del resto, kien il-konvenut stess illi ammetta ma' l-istess rapprezentant tas-

socjeta' atrici, li kienu saru l-hsarat lill-vettura, u dana meta kien qallu li l-karozza kienet koperta bil-polza ta' l-assikurazzjoni u, waqt li l-vettura kienet f'idejh, huwa seta' jaghmel dak li ried biha.

L-Ewwel Qorti ghazlet illi tikkonkludi li l-krema mzellga fuq il-karozza, kif ammess mill-konvenut stess u x-xhieda tieghu, ma kienx jammonta ghall-acidu hafif li seta' jikkawza t-tbajja fuq il-karozza. L-esponenti, filwaqt illi thoss li ma hijiex kompetenti bizzejjed biex tikkumnenta dwar jekk il-halib, per se, espost ghax-xemx, ghandhux jigi kkunsidrat bhala acidu hafif, jirrileva li l-espert tekniku kien specifikatament kkonkluda lik t-tbajja kienu aktarx tbajja "ta' xi tip ta' acidu hafif JEW inkella ta' xi oggett li gie mwahhal mal-karozza u gie maqlugh meta kien niexef".

Filwaqt li l-esponenti jirrileva li kellu jkun il-kompitu unikament ta' l-espert tekniku sabiex jikkonkludi jekk il-halib u kremi ohra jitqiesux bhala acidu hafif, hareg car mill-provi presentati quddiem il-Qorti, illi t-tbajja kienu rizultat, ghall-anqas, ta' oggett imwahhal mal-karozza, filwaqt illi kienet fil-pussess tal-konvenut.

In konkluzzjoni, is-socjeta' attrici tirrileva li l-konvenut qarraq biha meta huwa kera l-karozza minn ghandha, u dana ghax, kieku hija kienet taf li l-karozza kellha tinkera ghal tieg, certament ma kienetx tikri l-vettura lill-konvenut, u dana ghax huwa ben saput dwar dak li jigri lill-karozza li generalment tintuza ghall-'going away'. Di fatti, il-konvenut, minkejja li ghandu l-karozza personali tieghu, ghazel illi ma juzax il-karozza tieghu ghall-'going away', u dana peress illi huwa kien jaf x'kien ser jigri lill-karozza waqt it-tieg. Ghalhekk, filwaqt illi l-konvenut ghazel illi jutilizza l-principju tal-'bonus pater familias' ghall-karozza tieghu ghax, wara kollox, dina hija proprjeta' tieghu, huwa ma hasibhiex darbtejn sabiex jesponi l-karozza meritu ta' dina l-kawza, proprjeta' tas-socjeta' attrici, ghall-possibilita' ta' danni, u dana ghaliex il-karozza ma kienetx tieghu u, kif stqarr mar-rapprezentant tas-socejta' attrici stess, "la kriha, seta' jaghmel li ried".

Ghaldaqstant, is-socjeta' appellanti talbet illi dina l-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata tat-2 ta' Gunju, 2000, fl-ismijiet premessi u minflok tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut appellat u tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat".

**<u>Ir-risposta ta' l-appellat</u>**

5. L-appellant konvenut wiegeb hekk:-

"(i) Illi l-appellant irid jikkawtela l-appell skond il-ligi;

(ii) Illi din il-Qorti b'riluttanza kbira u f'kazijiet eccezzjonali ghandha tissindika s-sejbiet dwar fatti milhuqa mill-ewwel Qorti;

(iii) Irid jigi notat li fid-dokument a fol. 8 id-data 14/07/95 giet maqtugha u mibdula ghal 15/7/95. Fil-fatt il-konvenut xehed li hu kien mar jum qabel ma kellu jiehu l-vettura biex jiffirma l-kuntratt u din il-korrezzjoni tikkorrobora dak li qal l-istess konvenut. Jirrizulta ghalhekk li l-kuntratt kien iffirmat jum qabel ma l-vettura ittiehdet u mhux dakinhar – ghalhekk il-konvenut ma kienx darha l-vettura qabel iffirma l-kuntratt peress li dakinhar li ffirma, il-vettura ma kienetx hemmhekk. Fil-fatt il-kuntratt gie iffirmat fl-14 ta' Lulju u l-vettura ttiehdet fil-15 ta' Lulju. B'hekk fuq il-kuntratt ma setghux jigu annotati d-difetti. U anke hawn jinghad li wiehed fuq dawn il-formoli zgur li ma joqghodx jannota kull skoloriment li gia ikun ezistenti fl-ispray. Kieku dan kien il-kaz hadd ma jikri karozzi.

(iv) A fol. 9 jirrizulta li s-survey report huwa datat 19/06/1996, jigifieri sena shiha wara li l-konvenut kien kera l-vettura. Dan izjed jitfa' dubbji fuq l-allegazzjoni ta' l-attur. Fl-intervall l-vettura baqghet tinkera.

(v) A fol 21 tal-process jirrizulta li Doris Farrugia qalet lill-atturi li l-vettura riduha ghall-"going away". L-attur kien irrispondiha "Basta ma titfax shaving spray". Fil-fatt jirrizulta wkoll li l-atturi kellhom jigbru l-vettura mill-Ajruport u l-konvenuti hallsu zejjed ghal dan – jinghad li huma krew din il-vettura mhux sabiex ma tithammigx taghhom imma biex ikunu jistghu jitilghu l-Ajruport wahedhom minghajr ma jqajjmu lil hadd l-ghada tat-tieg.

Jirrizulta wkoll li l-karozza gia kellha danni mal-bibien. Dan jirrizulta wkoll minn fol. 23. Doris Farrugia tikkonferma dawn id-danni. Dawn l-ghafsiet fuq il-bonnet, il-bieba u s-saqaf huma anke konfermati minn Joseph Sammut a fol. 28 tal-process. Dawn kienu jezistu qabel ma ttiehdet il-vettura bhal ma f'kull probabilita' kien jezisti d-diskoloriment allegat.

(vi) Michael Galea jikkonferma a fol 33 li kien hemm pasti biss mal-windscreen. U huwa skorrett l-appellant fl-appell tieghu meta jghid li x-xhieda prodotti mill-konvenut jghidu li kien hemm zlieg fuq iz-zebgha tal-vettura. Anzi huma jghidu li kien hemm dlik biss fuq il-hgieg.

(vii) Illi ma giex pruvat li l-allegat skoloriment sar minhabba l-konvenut u/jew minhabba l-allegati pasti. Ma giex pruvat li kienu tqeghdu pasti fil-post fejn kien hemm l-allegat diskoloriment. Ma giex pruvat li l-allegat diskoloriment sar waqt li l-vettura kienet ghand il-konvenut. L-attur ma rnexxielux jipprova li kien il-konvenut li wettaq il-hsarat li huwa allega, ghalhekk il-kawza tieghu ma tistax tregi. Anzi l-unika prova li kien hemm biss xi zewg pasi mdellka mal-hgiega.

(viii) Illi din il-Qorti ma tistax toqghod fuq il-kongetturi jew supposizzjonijiet. Ma hemmx bizzejjed provi li jindikaw li fuq bilanc ta' probabilita' d-danni allegati saru mill-konvenut, anzi l-provi okulari, ir-ritratti u l-istess rapport tal-perit tekniku jaghtu indikazzjoni kuntrarja.

(ix) Ma giex pruvat li l-allegati hsarat saru waqt li l-vettura kienet fit-tgawdija tal-konvenut. Anzi l-indikazzjonijiet huma il-kontra stante it-tul ta' zmien li l-attur ha biex jaghmel survey report ikompli jitfa' dubbju fuq l-allegazzjoni tieghu.

(x) L-ewwel Qorti fuq apprezament tal-provi sabet li ma giex pruvat li l-allegati hsarat saru waqt li l-vettura kienet fil-pussess tal-konvenut. Dan il-fatt donnu l-appellant ma jifhmux fl-appell tieghu.

(xi) Illi minkejja li fil-formola tal-kiri hemm lok fejn jigu indikati xi difetti li jista' jkun fiha l-vettura, din il-parti ma ntlietx. Ir-raguni hija ghaliex meta ffirma il-kuntratt il-konvenut, il-vettura ma kienetx hemm. Dan jikkonfermah ukoll Joseph Sammut li wkoll kien mar mal-konvenut ghall-vettura. Fil-fatt il-kuntratt gie ffirmat jum qabel ma ttiehdet. Minkejja dan anke l-istess rapprezentant ta' l-attur jikkonferma li minkejja li ma kien jinghad xejn fil-kuntratt fil-fatt certu ghafsiet fuq wara gia kienu fuq il-vettura qabel il-kirja.

(xii) Il-prova necessarja li l-allegat skoloriment sar mill-konvenut ma saritx – dwar dan ma kienx hemm dubbju f'mohh l-ewwel Qorti li semghet lix-xhieda kollha viva voce. Jinghad ukoll li ma

saret l-ebda prova li ddellku xi sustanzi ma' l-ispray. Ix-xhieda okulari jghidu li kien hemm bizz xi pasta mal-hgieg.

Ghal dawn il-motivi dan l-appell ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant".

**<u>Is-sentenza ta' din il-Qorti</u>**

6. Ikkunsidrat illi minn ezami ta' l-aggravji fir-rikors ta' appell li gie interpost mis-socjeta' attrici, jirrizulta li l-lanjanza ewlenija ta' l-appellant, hija dik li l-ewwel Qorti ghamlet evalwazzjoni zbaljata tal-provi ta' fatt prodotti fil-kors tal-kawa u li meta wiehed kellu jabbina l-istess fatti mal-provvedimenti tal-Kodici Civili, u dak li jinghad fl-artikolu 1525 sa 1622 tal-Kap 16, u senjatament l-artikoli 1554, 1561, 1563 u 1555(3) u 1560 kellu jigi invece konkluz u deciz li dak li premess u mitlub mis-socjeta' attrici kien fondat.

7. Il-Qorti qieset il-provi kollha li gew prodotti fid-dawl ta' dak li gie sottomess mill-partijiet kontendenti.

Tibda billi tirrileva li in kwantu si tratta ta' evalwazzjoni ta' fatti, hu korrett l-appellat meta ssottometta li hija prassi ormai stabbilita ta' din il-Qorti li sakemm ma jkunx hemm xi raguni jew ragunijiet serji u gravi li juru xort'ohra, din il-Qorti kemm jista' jkun ma tiddisturbax dik id-diskrezzjoni u evalwazzjoni ta' l-ewwel Qorti li tkun allura fl-ahjar qaghda li tgharbel

il-provi migbura quddiema. Dana maghdud, huwa ovvju li din il-Qorti dejjem tirrivedi l-imsemmija provi hekk prodotti.

8. Illi minn ezami tal-provi, din il-Qorti ma jidhrilhiex li s-socjeta' attrici rnexxielha tipprova li jekk hemm hsara fuq il-vettura li giet mikrija lill-konvenut appellat, din il-hsara giet ikkawzata b'xi agir jew b'negligenza jew xi htija ohra attribwibbli lill-appellat konvenut.

9. Illi mill-provi jirrizulta bhala fatt li l-vettura Maruti bin-numru tar-registrazzjoni X-5529 kienet inkriet lill-appellat. Hu fatt ukoll li f'din il-vettura gew riskontrati danni ta' zewg tipi: ghafsa notevoli fuq il-bieb ta' wara tan-naha leminija tal-vettura u xi ghafsiet izghar u tbajja fuq il-"body" tal-vettura. Il-kwistjoni tirrigwarda t-tbajja u l-ghafsiet zghar fuq il-vettura. L-appellant jinsisti li dawn saru meta l-vettura kienet fil-pussess tal-konvenut u li gew ikkagonati minhabba li, ad insaputa tal-lokatur, il-vettura ntuzat ghall-"going away" u fil-fatt giet imhollija fl-ajruport wara t-tieg fi stat danneggjat.

10. Illi mir-relazzjoni tal-perit tekniku, ghalkemm jirrizulta li hemm numru ta' tbajja fuq il-vettura <u>de quo</u> pero' huwa kompla hekk (ara fol. 73 tal-process)

> "Illi dawn it-tbajja huma difficli ferm <u>li wiehed jghid biex gew kawzati</u>, izda l-probabilita' hija li huma ta' xi tip ta' acidu hafif jew

> inkella ta' xi oggett li gie mwahhal mal-karozza u gie maqlugh meta kien niexef"”(sottolinear tal-Qorti).

Issa hu minnu li jirrizulta li wara l-festa tat-tieg, il-vettura de quo giet imcappsa b'xi krema tal-pasti – pero' x-xhieda kollha prodotta tindika kjarament li l-ftit pasti li ddellku mal-vettura kienu fuq il-hgieg tal-“windscreen” u mhux mal-“body” taghha. In-ness bejn it-tidlik ta' din il-krema tal-pasti u t-tbajja aciduzi riskontrati mal-vettura - prova li kienet tispetta lil min kien qieghed jallegaha – ma giex stabbilit. Anzi, il-provi juru li l-probabilita' hija li ma kienx hekk. Dan jemergi kemm mid-deposizzjonijiet tax-xhieda tal-konvenut u kemm mir-ritratti esebiti – a fol. 43, ara Dok. R1, R2, R3 tal-process. Bir-rispett kollu ghalhekk ghal dak li gie sottomess mill-appellant ma jirrizultax li l-appellat ghamel jew halla lil terzi jaghmlu “xi tgharriq fuq il-vettura” imma biss li halla li jsir tidlik u ticpis u li dwaru pero' l-konvenut xehed li nehhieh qabel ma pparkeggja l-vettura fl-ajruport.

11. Dwar id-daqqiet jew ghafsiet zghar fuq il-vettura lanqas ma jirrizulta li dawn gew ikkaggjonati meta l-vettura ghaddiet fil-pussess ta' l-appellat. L-ewwelnett m'hemm l-ebda prova – bhal fil-kaz tat-tidlik bil-krema ta' xi pasti – li xi hadd min-naha tal-konvenut jew tal-mistednin li ghamel tali hsara. Minbarra dan, ghalkemm fl-iskrittura li giet iffirmata mill-konvenut kellu jitnizzel fiha fi spazju appozitu xi rimarki u skond Felix Mifsud la kienu tnizzlu rimarki u lanqas ma kien hemm hsarat fuq

il-karozza, din id-deposizzjoni tad-Direttur tas-Socjeta' attrici giet kontradetta mill-persuna li attwalment dehret ghas-socjeta' waqt il-ftehim. Di fatti, Deborah Vella, li daqqa ftakret u daqqa ma ftakritx, xehdet kategorikament (xhud u impjegata tas-socjeta' appellanti) (ara fol. 40 tal-process), li,

> "........meta krejtielu kellha daqqa fuq wara, fuq il-bieba ta' wara ......... U din id-daqqa li kellha fuq in-naha ta' wara, ma kienetx daqqa zghira u kienet facli riskontrabbli......"

U jekk lanqas tali daqqa ma giet indikata fl-iskrittura, kif jista' jigi konkluz li d-daqqiet l-ohrajn jew it-tbajja ma kienux gja jezistu fuq il-vettura?

12. Fl-ahharnett, il-fatt li l-appellat ma kienx esplicita dwar l-uzu li kien fi hsiebu jaghmel bil-vettura u li seta' kien li dan il-fatt ma zvelahx lil-lokatur – dan mhux bizzejjed biex jinholoq in-ness ta' kawzalita' bejn il-kirja u d-danni li dwarhom qeghda tilmenta s-socjeta' attrici. Dan apparti mill-fatt li anke hawn kien hemm x'jindika li effettivament l-lokatur seta' kien ukoll jaf bl-uzu li kellu jsir tal-vettura u halla kollox ghaddej.

13. Illi fil-fehma tal-Qorti, il-grad ta' prova mressaq mis-socjeta' attrici appellanti kien wiehed merament possibilistiku mentri huwa ben risaput li fil-kamp civili l-grad ta' prova rikjest huwa wiehed ta' probabilita'. Illi ghalhekk, u kif korrettement allura, gie deciz mill-ewwel Qorti:

> ".....l-atturi ma waslux ghall-prova li (t-) tbajja kienu rizultat ta' xi negligenza da parti tal-konvenut",

u lanqas ma waslu "ghall-prova minnhom rikjesta biex setghu jaslu ghar-responsabilita' tal-konvenut". Din il-Qorti tikkondividi din il-fehma. Illi ghalhekk l-aggravji ta' l-appell m'humiex fondati la fil-fatt u lanqas fid-dritt.

Ghaldaqstant tiddeciedi billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tichad l-appell tas-socjeta' attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghha.

Dep/Reg

mm